IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.10.2011
SEG(2011) 1139 finali

**DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal**
**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-mira tal-Investiment għall-ħolqien tat-tkabbir u tal-postijiet tax-xogħol u li jabroga r-Regolament (KE) Nru 1080/2006**

**u**

**Proposta għal**
**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jabroga r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006**

**u**

**Proposta għal**
**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
**dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sostenn mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-mira tal-koperazzjoni territorjali Ewropea**

{KUMM(2011) 614 finali}
{SEG(2011) 1138 finali}

{COM(2011) 611 final}
{COM(2011) 612 final}

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din hija l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-proposta leġiżlattiva għar-regolamenti li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (il-FK) u l-mira tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea.

Hija tagħmel parti minn pakkett ta' valutazzjonijiet tal-impatt, li jinkludi wkoll il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond ta' Koeżjoni, tal-Fond Soċjali Ewropew, tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u għas-Sajd li huma koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni, u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jabroga r-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ir-Regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni), u l-Valutazzjoni tal-Impatt tar-Regolament dwar il-FSE.

## 1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-linja politika Ewropea dwar ir-reġjuni għandha sehem importanti x'tagħti biex timmobilizza l-assi lokali u biex titfa' enfasi fuq l-iżvilupp tal-potenzjal endoġeniku. Madankollu, kif enfasizzat ir-Reviżjoni tal-Baġit, il-"baġit tal-UE għandu jintuża biex jiġu ffinanzjati prodotti pubbliċi tal-UE, azzjonijiet li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jistgħux jiffinanzjaw huma stess, jew fejn intervent min-naħa tal-UE jkun jista' jwassal biex jinkisbu riżultati aħjar".

Il-valutazzjoni tal-impatt tiffoka b'mod esklużiv fuq it-3 oqsma fejn l-esperjenza turi li hemm bżonn ta' aġġustamenti.

### 1.1. L-għoti tas-sostenn lill-impriżi

Is-sostenn li ngħata lill-impriżi permezz tal-linja pokitika favur il-koeżjoni tat riżultati sinifikattivi. Hemm provi li fil-perjodu bejn l-2000 u l-2006 l-linja politika favur il-koeżjoni kkontribwixxiet biex kumplessivament jinħolqu mill-inqas miljun post tax-xogħol fi proġetti li ġew sostnuti. Madanakollu, il-linja politika mhix iffukata biżżejjed fuq l-impriżi ż-żgħar u l-medji u fuq l-innovazzjoni.

Fil-każ tal-impriżi ż-żgħar u l-medji, l-aċċess għall-finanzi fis-suq għall-investimenti huwa problema b'mod partikulari. Il-każ favur l-għoti tas-sostenn lid-ditti l-kbar huwa differenti, għax in-nuqqas ta' aċċess għall-finanzi tipikament ma jolqotx lill-impriżi l-kbar. Provi empiriċi juru li għall-impriżi ż-żgħar u l-medji hija aktar effettiva l-għajnuna diretta, filwaqt li "fil-każ tal-kumpaniji ikbar l-ispustar (crowding out) tal-investimenti privati jista' jipprevali fuq l-effetti pożittivi." Il-finanzjament tal-investimenti produttivi tal-impriżi l-kbar fejn ma jkunx hemm bżonn ta' intervent pubbliku wassal għall-kritika li l-finanzjament qed jingħata lil ditti li fil-fatt m'għandhomx bżonnu, u li għalhekk il-finanzjament qed jisposta lill-investimenti privati minflok qed jagħti valur miżjud.

Is-sostenn lill-impriżi huwa ffukat b'mod differenti fi Stat Membri differenti, bi wħud jiffukaw bil-qawwi fuq l-investiment u b'oħrajn jagħfsu bis-sħiħ fuq miżuri 'aktar moderati' bħall-innovazzjoni. Madanakollu, fi Stati Membri oħrajn, is-sostenn li mhux marbut mal-innovazzjoni għad għandu rwol b'saħħtu ħafna. L-ambitu li għandu bħalissa l-FEŻR huwa ddefinit b'mod wiesa' wisq u jippermetti li jingħata sostenn ġeneriku għan-negozji biex tiġi stimulata l-intraprenditorija fl-oqsma kollha, ikun jew ma jkunx jeżisti nuqqas tas-suq b'rabta

mas-settur partikulari, u irrispettivament mill-kontribut tas-settur għat-tkabbir u għall-ħoqlien tax-xogħol.

Għalhekk, il-problema ewlenija bl-ambitu li għandu bħalissa l-FEŻR hija li l-ambitu tal-għoti tal-għajnuna lill-impriżi huwa ddefinit b'mod miftuħ wisq u li l-effettività u l-valur miżjud tal-għajnuna mogħtija lid-ditti jeħtieġ li jitkabbar kemm jista' jkun.

### 1.2. L-għoti tas-sostenn għall-investimenti fl-infrastruttura

Il-kwistjoni ewlenija li ġiet identifikata rigward l-ambitu tal-finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport fil-linja politika attwali favur il-koeżjoni hija n-nuqqas ta' abbiltà li niżguraw li jkun hemm biżżejjed konċentrazzjoni fuq il-prijoritajiet tal-UE. Il-finanzjament favur il-koeżjoni s'issa ffoka fuq il-prijoritajiet skont kif ġew iddefiniti fil-linji gwida tat--TEN-T, iżda mhux neċessarjament fuq dawk il-partijiet li fil-mument meta ġew iddefiniti ġew identifikati bħala li kellhom l-akbar valur miżjud Ewropew. L-isfida għal-linja politika favur il-koeżjoni se tkun li tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet għall-investiment fl-infrastruttura tal-qalba tat-TEN-T fil-pajjiżi tal-Koeżjoni minn issa sal-2020, li huwa stmat li jiswew EUR 30 biljun.

Barra minn dan, huwa importanti li ntejbu l-koordinazzjoni tal-istrumenti differenti tal-UE fejn għandu x'jaqsam il-finanzjament tat-TEN-T. Sa llum, il-programm tat-TEN-T ffoka fuq miżuri moderati bħall-finanzjament tal-istudji dwar il-fattibbiltà, u l-Fond ta' Koeżjoni ffoka fuq l-investimenti fl-infrastruttura. Il-kwistjoni tal-koordinazzjoni saret partikularment rilevanti minħabba li l-ambitu tal-Fond ta' Koeżjoni kif iddefinit mit-Trattat ikopri l-investimenti fiżiċi fit-TEN-T, li se jkunu ffinanzjati wkoll mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) li għadha kif ġiet proposta.

### 1.3. Koperazzjoni territorjali

Rigward il-kooperazzjoni territorjali, il-valur miżjud tal-**koperazzjoni territorjali** Ewropea jinsab fil-fatt li din toffri possibbiltajiet biex nieħdu azzjoni flimkien li huma meħtiġin biex naffrontaw l-isfidi li aktar ma jmur ma jafux bi fruntieri nazzjonali jew reġjonali:

- problemi transkonfinali;
- qsim tal-prattiki tajbin ma' xulxin;
- koperazzjoni fejn ikun hemm l-ekonomiji tal-kobor u l-massa kritika;
- koperazzjoni bil-għan li ntejbu l-governanza;
- koperazzjoni dwar il-fruntieri esterni tal-UE fuq kwistjonijiet marbutin mas-sikurezza u mal-istabbiltà, u relazzjonijiet li ngawdu minnhom ilkoll.

L-objettiv tal-Koperazzjoni Territorjali Ewropea huwa ffinanzjat mill-FEŻR, b'baġit totali ta' EUR 8.7 biljun, li jirrappreżenta 2.5 % tal-allokazzjoni totali għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 għal-linja politika favur il-koeżjoni.

Minkejja l-abbiltà tagħha li tindirizza l-firxa ta' kwistjonijiet elenkati hawn fuq, fil-perjodu kurrenti, fadal fejn isir titjib fil-programmi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea:

- nuqqas ta' ffukar strateġiku li wassal għal strateġiji mhux iffukati għall-interventi, li għamilha diffiċli biex jinkiseb impatt li jista' jiġi identifikat b'mod ċar;

- nuqqas ta' koordinazzjoni effettiva biex jinstabu kompromessi bejn dak li jitolbu r-Regolamenti tal-UE u l-oqfsa legali tal-Istati Membri involuti.

### 1.4. Ġustifikazzjoni għat-teħid ta' azzjoni mill-UE

L-azzjoni min-naħa tal-UE hija ġġustifikata fuq il-bażi kemm tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-Trattat kif ukoll tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Id-dritt tal-UE li taġixxi joħroġ mill-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jgħid li "[l-Unjoni] għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri", kif ukoll mill-Artikolu 175 tat-TFUE li jitlob b'mod espliċitu li l-Unjoni twettaq din il-linja politika permezz tal-Fondi Strutturali, u mill-Artikolu 177 li jiddefinixxi l-irwol tal-Fond ta' Koeżjoni.

## 2. L-OBJETTIVI

L-**objettiv ġenerali** huwa ddefinit fl-Artikolu 176 tat-TFUE, li jgħid li l-FEŻR huwa intiż "sabiex jgħin sabiex jitnaqqsu l-iskwilibriji reġjonali prinċipali fi ħdan l-Unjoni permezz tal-parteċipazzjoni fl-iżvilupp u t-tibdil strutturali tar-reġjuni li jkunu għadhom lura kif ukoll fir-rikonverżjoni tar-reġjuni industrijali li jkunu sejrin lura". Kif stipulat fl-Artikolu 177 tat-Trattat, l-għan tal-Fond ta' Koeżjoni huwa li jiffinanzja "proġetti fl-oqsma tal-ambjent u ta' networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport".

Meta wieħed iqis l-ambitu ta' din il-VI, l-**objettivi speċifiċi** huma li jiġi żgurat li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jintnefqu:

- b'mod effettiv;

- b'mod effiċjenti;

- b'mod li jipprovdi valur miżjud Ewropew għoli.

L-**objettivi operazzjonali** għandhom x'jasmu mal-kwistjonijiet individwali diskussi u huma dawn li ġejjin:

- L-għoti tas-sostenn lill-impriżi sabiex jiġi żgurat li s-sostenn li jingħata lill-impriżi għall-investiment jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u għall-ħolqien tal-postijiet tax-xogħol, u li s-sostenn mogħti għall-innovazzjoni jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-potenzjal lokali u reġjonali.

- Investiment fl-infrastruttura: sabiex jiġi żgurat li nikkonċentraw biżżejjed fuq il-prijoritajiet Ewropej.

- Koperazzjoni territorjali: sabiex jiġi żgurat li niffukaw biżżejjed fuq il-prijoritajiet Ewropej, filwaqt li l-Istati Membri u r-reġjuni jkolhom biżżejjed flessibbiltà biex jagħżlu objettivi tematiċi..

## 3. GĦAŻLIET RIGWARD IL-LINJI POLITIĊI

L-għażliet differenti ddaħħlu fil-Valutazzjoni dwar l-Impatt sabiex il-problema tal-ambitu tiġi indirizzata skont l-objettivi ddefiniti, u sabiex dawn jirriflettu alternattivi li jvarjaw minn adattamenti moderati tal-arranġamenti li hemm bħalissa sa bidliet aktar fundamentali.

#### 3.1.1. L-Għażla 1 – L-ebda bidla fil-linja politika

- L-ambitu tal-FEŻR jibqa' wiesa', u jiffoka fuq l-investiment produttiv u fuq l-iżvilupp tal-potenzjal endoġeniku.
- L-għajnuna diretta primarjament, iżda mhux esklużivament, tingħata lill-impriżi ż-żgħar u l-medji.

#### 3.1.2. L-Għażla 2 – L-għoti ta' sostenn aktar immirat lill-impriżi l-kbar li jiffukaw fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp, fuq l-innovazzjoni u fuq it-teknoloġiji elwenin ta' appoġġ

- L-għoti ta' għajnuna għal investiment produttiv ġenerali bil-għan li jinħolqu u jitħarsu l-postijiet tax-xogħol ikun limitat għall-impriżi ż-żgħar u l-medji.
- L-għoti ta' sostenn għall-iżvilupp tal-potenzjal endoġeniku, kemm lil ditti kbar kif ukoll lil dawk żgħar, billi nagħtu sostenn għall-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni reġjonali u lokali.

#### 3.1.3. L-Għażla 3 – L-ebda għotjiet għad-ditti l-kbar; selfiet u finanzjament azzjonarju biss għall-impriżi ż-żgħar u l-medji

- L-investiment produttiv kollu jiġi sostnut b'għajnuna mhux f'forma ta' għotjiet permezz ta' strumenti innovattivi tal-finanzjament.

### 3.2. L-ambitu tas-sostenn tal-infrastruttura permezz tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni

#### 3.2.1. L-Għażla 1 – Inħallu kollox kif inhu

- Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jibqgħu jiffinanzjaw l-infrastruttura maġġuri fir-reġjuni kollha tal-UE, b'finanzjament ikkonċentrat fuq ir-reġjuni inqas żviluppati. Il-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni jingħata biss lil Stati Membri foqra.
- Fir-reġjuni inqas żviluppati l-enfasi qiegħda kemm fuq proġetti prijoritarji ta' interess Ewropew kif identifikati mill-qafas il-ġdid tat-TEN-T, kif ukoll fuq l-infrastruttura sekondarja.
- Barra minn hekk, il-programm tat-TEN-T jibqa' jiffinanzja proġetti infrastrutturali b'valur miżjud tal-UE għoli f'reġjuni żviluppati, b'mod li jikkonċentra partikularment fuq interventi moderati (e.g. studji dwar il-fattibbiltà, eċċ.)
- Il-programmi operazzjonali nazzjonali jkopru l-investimenti fl-insfrastruttura, u l-prijoritajiet jiġu ffissati fil-livell nazzjonali.

### 3.2.2. L-Għażla 2 – Enfasi aħjar fuq il-prijoritajiet Ewropej f'investimenti infrastrutturali maġġuri f'reġjuni inqas żviluppati u fuq il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fir-reġjuni aktar żviluppati

- Il-Fond ta' Koeżjoni jiffinanzja investimenti fl-infrastruttura fil-qasam tal-prijoritajiet strateġiċi Ewropej. Il-fond jintuża biss fi Stati Membri foqra.
- Il-FEŻR ikun immirat lejn proġetti ta' interess nazzjonali u/jew reġjonali.
- L-investimenti f'infrastruttura maġġuri jkunu koperti minn programmi nazzjonali, filwaqt li l-allinjament tal-investiment mal-prijoritajiet tal-UE jiġi żgurat permezz ta' lista li torbot ta' proġetti strateġiċi ta' investiment li jridu jkunu twettqu sal-2020, li jintgħażlu u jiġu nnegozjati mal-Istati Membri u li huma inklużi fil-Kuntratti ta' Sħubija. Il-finanzjament għal dawn il-prodotti se jiġi ddelimitat.
- Flimkien mal-enfasi fuq l-investimenti strateġiċi fit-trasport sostenibbli se jkun hemm kundizzjonalitajiet ex-ante fil-qasam tal-ippjanar strateġiku.
- L-investimenti ta' sinifikat nazzjonali u reġjonali jitpoġġew f'ordni ta' prijorità skont il-kontribut li jkunu se jagħtu għas-sostenibbiltà u skont il-kontribut tagħhom għan-netwerk.
- Il-FNE li tinħoloq apposta tkun tikkumplimenta l-investiment marbut mal-linja politika favur il-koeżjoni li jsir fl-infrastruttura fiżika, mhux biss l-investimenti moderati. Il-FNE tkun tiffinanzja proġetti infrastrutturali b'valur miżjud tal-UE għoli. Se jiġu ddelimitati EUR 10 biljun fl-allokazzjoni finanzjarja għall-Fond ta' Koeżjoni ddedikata għall-FNE.

### 3.2.3. L-Għażla 3 – Enfasi aħjar fuq l-infrasruttura nazzjonali permezz tal-Fond ta' Koeżjoni

- Il-Fond ta' Koeżjoni jiffinanzja investimenti fl-infrastruttura fid-dominju tal-prijoritajiet strateġiċi Ewropej tat-TEN-T tal-qalba u komprensivi.
- Il-FEŻR ikun immirat lejn proġetti ta' interess nazzjonali u/jew reġjonali.
- Bħal fil-każ tal-Għażla 2, l-investimenti fl-infrastruttura maġġuri huma koperti minn programmi nazzjonali.
- Il-FNE tiffoka l-investimenti tagħha biss fuq l-Istati Membri aktar żviluppati u tiffinanzja proġetti infrastrutturali b'valur miżjud tal-UE għoli.
- Il-Fond ta' Koeżjoni jiffinanzja proġetti fl-Istati Membri inqas żviluppati u għalhekk ikun ġeografikament kumplimentari għall-FNE. Ma jkun hemm l-ebda trasferiment ta' EUR 10 biljun mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE.

### 3.3. Koperazzjoni Territorjali

#### 3.3.1. L-Għażla 1 – L-ebda bidla fil-linja politika

- Il-prijoritajiet għall-programmi ta' koperazzjoni jkomplu jiġu ddefiniti b'mod wiesa'.
- Ma tiġi stabbilita l-ebda rabta formali bejn il-programmi ta' koperazzjoni u l-programmi ta' Konverġenza/ta' Kompetittività.

#### 3.3.2. L-Għażla 2 - Konċentrazzjoni tematika u rabtiet imsaħħin ma' programmi oħrajn

- L-għadd ta' objettivi tematiċi li tista' tagħżel minnhom il-koperazzjoni transkonfinali u transnazzjonali jkun limitat.
- L-aspetti tal-koperazzjoni jkunu parti integrali mill-qafas strateġiku ġenerali.

#### 3.3.3. L-Għażla 3 – L-integrazzjoni tal-koperazzjoni fil-programmi reġjonali

- Ma jkunx hemm aktar programmi separati tal-Koperazzjoni Territorjali.
- L-attivitajiet ta' koperazzjoni jsiru fil-qafas tal-programmi reġjonali eżistenti li jkunu jinkludu l-possibbiltà ta' azzjoni ta' koperazzjoni.

## 4. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

**L-ambitu tas-sostenn mogħti lill-impriżi u ffinanzjat mill-FEŻR**

Fil-każ tal-għażla li ma ssir l-ebda bidla fil-linja politika, ikun hemm ambitu relattivament wiesa' ta' intervent li lill-Istati Membri jħallilhom biżżejjed flessibbiltà biex jagħżlu l-oqsma biex jintervjenu fihom li l-aktar li jkunu jindirizzaw l-isfidi tagħhom, bil-biċċa l-kbira tas-sostenn tmur għall-impriżi ż-żgħar u l-medji u għar-riċerka, it-teknoloġija, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RTŻI). Madanakollu, is-sostenn lid-ditti l-kbar għall-investiment jibqa', u dan jista' jwassal għall-ispustament tal-investimenti privati kaġun tal-finanzjament pubbliku.

Fil-każ tal-Għażla 2, is-sostenn mogħti lill-kumpaniji l-kbar ikun limitat għal invstimenti speċifiċi mfasslin biex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-potenzjal endoġeniku tar-reġjun, notevolment fil-qasam tal-innovazzjoni, tat-teknoloġiji ġodda u tar-riċerka, koperazzjoni u inizjattivi konġunti bejn ditti kbar, impriżi żgħar jew medji, u istituzzjonijiet oħrajn. Barra minn hekk, b'din l-għażla, hemm fejn jikber l-irwol tal-istrumenti msejsin fuq għajnuniet mhux fil-forma ta' għotjiet, speċjalment b'rabta mas-sostenn għal investiment li ġeneralment jiġi assoċjat ma' riskju iktar baxx u li jinvolvi żieda tat-telf irrekuperabbli tal-effiċjenza meta mqabbel mal-investiment fl-innovazzjoni u f'attivitajiet ta' riskju għoli. Dawn il-miżuri jnaqqsu t-telf irrekuperabbli tal-effiċjenza, iżda lill-Istati Membri jnaqqsulhom ukoll il-flesibbiltà.

Bl-Għażla 3, il-projbizzjoni tas-sostenn imsejjes fuq l-għotjiet lid-ditti l-kbar iżżid l-effiċjenza tal-finanzjament u jkollha effetti ikbar ta' influwenza. Madanakollu, jista' jkun li attivitajiet innovattivi u ta' riċerka li huma meħtiġin biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE jiġu skuraġġiti

minħabba li s-sostenn li ma jitħallasx lura huwa aktar effettiv fil-każ tal-proġetti innovattivi tar-riċerka u l-iżvilupp 'il-bogħod mis-suq. Ċaqliqa minn forom ta' għajnuna lill-impriżi l-kbar li ma titħallasx lura għal dawk ta' għajnuna li titħallas lura tista' timplika wkoll żieda sinifikanti fl-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet li jimmaniġġjaw.

Fuq il-bażi tat-titjib tal-effettività tas-sostenn, kif ukoll tal-kontribut tagħha favur il-potenzjal lokali u reġjonali kif ukoll favur it-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol, l-Għażla 2 hija l-għażla ppreferuta.

**L-ambitu tas-sostenn tal-infrastruttura permezz tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni**

Fil-każ tax-xenarju tal-ebda bidla fil-linja politika, il-benefiċċji li ħoloq il-finanzjament tal-UE għall-infrastruttura jissokta. Madanakollu, l-enfasi fuq il-prijoritajiet tan-netwerk Ewropew tibqa' mhux l-aħjar li tista' tkun, u investimenti infrastrutturali fir-reġjuni aktar għonja jwassal għal telfiet fl-effiċjenza. Bla koordinazzjoni bejn il-linja politika favur il-koeżjoni u l-FNE, il-finanzjament tal-UE għall-infrastruttura jibqa' jkun ifframmentat.

Bl-Għażla 2 enfasi aħjar fuq il-prijoritajiet Ewropej, il-FNE, u d-delimitazzjoni ta' EUR 10 biljun mill-Fond ta' Koeżjoni, jippermettulna nikkonċentraw fuq il-proġetti prijoritarji tal-UE. Madanakollu, din l-għażla tnaqqas il-flessibbiltà għall-Istati Membri u għar-reġjuni.

L-Għażla 3 tkun tippermetti li l-enfasi fuq l-investimenti infrastrutturali tinżamm fir-reġjuni tal-Konverġenza, fejn l-iktar li hemm bżonnijiet infrastrutturali bażiċi. Il-vantaġġ prinċipali ta' din l-għażla hu li din tagħti lill-pajjiżi tal-Koeżjoni l-flessibbiltà sħiħa biex jindirizzaw il-prijoritajiet reġjonali u nazzjonali f'dawn ir-reġjuni. L-iżvantaġġ ewlieni ta' din l-għażla hu li l-Fond ta' Koeżjoni ma jikkonċentrax biżżejjed fuq proġetti tal-qalba tat-TEN-T.

Fuq il-bażi tal-valur miżjud tal-UE u tal-koordinazzjoni bejn il-FNE u l-Fond ta' Koeżjoni, l-Għażla 2 hija l-għażla ppreferuta.

**Koperazzjoni territorjali**

Bl-għażla tal-ebda bidla fil-linja politika, il-programmi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea jkollhom aktar flessibbiltà biex jagħżlu l-oqsma tal-linji politiċi li l-aktar li jixtiequ jindirizzaw. Madanakollu, jirriżulta nuqqas ġenerali ta' ffukar strateġiku u ta' definizzjoni ċara ta' x'riżultati huma mistennijin mill-programmi. Barra minn hekk, din l-għażla tagħmilha diffiċli li tipi żgurata l-kumplimentarjetà ma' programmi oħrajn tal-UE.

L-Għażla 2 tallinja b'mod aktar sod il-programmi tal-koperazzjoni mal-Istrateġija Ewropa 2020. Din l-għażla twassal biex fil-programmi jkun hemm loġika aħjar għall-interventi b'riżultat tal-iffissar tal-objettivi tal-programmi skont id-definizzjoni ta' xi jkun mistenni li joħroġ u jinkiseb minnhom. Barra minn hekk, is-sinerġiji mal-programmi operazzjonali reġjonali jiżdiedu. Minkejja dan, din l-għażla tista' twassal għal inqas flessibbiltà fit-tfassil tal-programmi.

L-Għażla 3 tkun twassal għal aktar sinerġiji u minnha jgawdi l-programm reġjonali għax iddaħħal dimensjoni tal-UE. Minkejja dan, tkun tippermetti biss li jkun hemm koperazzjoni fuq proġetti speċifiċi, u ma tkunx tinkuraġġixxi l-iżvilupp fit-tul ta' strateġija integrata għal territorju transkonfinali jew transnazzjonali. Ikun hemm ukoll ir-riskju li d-dimensjoni tal-UE

tiġi ttraskurata waqt il-programmazzjoni. Ikun aktar diffiċli biex jiġu żviluppati proġetti konġunti mingħajr struttura ta' sostenn.

Fuq il-bażi ta' enfasi aħjar fuq il-prijoritajiet Ewropej, tal-iżvilupp ta' loġika aħjar ta' kif isiru l-interventi fil-programmi u ta' valur miżjud imtejjeb, l-Għażla 2 hija l-għażla ppreferuta.

## 5. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

Is-sistemi tal-moniteraġġ u evalwazzjoni għal-linja politika favur il-koeżjoni se jissaħħu meta mqabblin mas-sitwazzjoni ta' bħalissa, b'enfasi aħjar fuq ir-riżultati u fuq l-allinjament mal-Istrateġija Ewropa 2020. F'termini konkreti, dan ikun ifisser dan li ġej:

- Il-programmi jkunu jinkludu artikulazzjoni ċara tal-bidliet mixtiqin, dwar kif dan ikun jikkontribwixxi għall-miri tal-Ewropa 2020, u dwar kif l-infiq tar-riżorsi fuq interventi partikulari (outputs) jkun se jikkontribwixxi għall-bidliet (riżultati). Dan se jiġi espress f'indikaturi ta' dak li joħroġ u jinkiseb minnhon. Fejn ikun rilevanti se jintuża sett ta' indikaturi komuni li jkunu allinjati mal-objettivi tal-UE2020.
- Kull programm ikun jinkludi qafas għall-effikaċja, li jiffissa stadji kkwantifikati għal kull assi prijoritarju, u li jkun stabbilit fuq il-bażi ta' għadd limitat ta' indikaturi tal-programmi sabiex tingħata indikazzjoni ċara tal-progress li jkun qed isir lejn il-prijoritajiet tat-twettiq marbutin mal-Ewropa 2020.
- Dawn l-istadji għall-qafas għall-effikaċja jkunu proposti mill-Istat Membru u jintlaħaq qbil dwarhom bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.
- Il-Kuntratt tas-Sħubija jkun fih sommarju tal-istadji, il-metodoloġija u l-prinċipji ewlenin.

Jiġi mmoniterjat b'mod regolari kif ikunu sejrin il-programmi operazzjonali, fuq il-bażi tas-sett ta' indikaturi tal-programmi. Jinħarġu Rapporti Annwali dwar it-Twettiq li jkun fihom rapporti dwar dak li jkun ħareġ mill-programmi meta mqabbel mal-miri, b'analiżi tar-raġunijiet għaliex ma jkunux intlaħqu l-miri jew għaliex ikun inkiseb saħansitra iktar. Il-Kumitati tal-Moniteraġġ jirriflettu fuq il-ħtieġa li jsiru xi bidliet jew li jittieħdu inizjattivi oħrajn sabiex jiġi żgurat li l-programm jibqa' miexi fuq il-binarji tiegħu. Anki r-riżultati se jkunu mmoniterjati u jsir rappurtaġġ dwarhom hekk kif ikun hemm id-dejta, u se jiġu diskussi fil-Kumitat tal-Moniteraġġ u fil-laqgħat tar-Reviżjoni Annwali.

Huwa maħsub li jkun hemm żewġ mumenti formali meta jiġi eżaminat il-progress li jkun sar meta wieħed iqis l-istadji ddefiniti fil-qafas għall-effikaċja. L-ewwel eżami tal-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-istadji maqbulin il-Kummissjoni tagħmilha fl-2017, fuq il-bażi tar-Rapporti Annwali dwar it-Twettiq b'rabta mal-assorbiment u ma; dak li jkun ħareġ mill-programmi. Eżami ieħor isir fl-2019.